**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 225/2015**

**Illum: 26 ta' Settembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Karen Camilleri**
**(ID 0002595(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Karen Camilleri ta' 19-il sena, bint Stephen u Caterina nee` Grech, imwielda l-Pieta` nhar is-26 ta' Dicembru 1994 u toqghod Blk A, Flat 2, Triq l-Isparvier, Ghaxaq u detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 0002595(M);

Akkuzata talli nhar it-8 ta' Dicembru 2013:

Importat jew gieghlet li tigi importata jew ghamlet xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (*cannabis*) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar

il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputata wiegbet illi mhijiex hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha;

Rat ukoll illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-importazzjoni mertu tal-imputazzjoni odjerna kienet intiza ghall-uzu personali tal-imputata;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar it-8 ta' Dicembru 2013, l-imputata odjerna kienet qeghda tivjagga minn Praga fir-Repubblika Ceka, lejn Malta. Waqt li kienet fl-ajruport ta' Praga, mid-*duty free shop* tal-istess ajruport hija akkwistat xi fliexken tax-xorb, fosthom flixkun "*CANNABIS WHIT WIDOW 30% 50CL*"[1], waqfet gewwa Frankfurt fil-Germanja ghaliex kellha *interconnecting flight* u mal-wasla taghha fl-ajruport ta' Malta, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga elevaw mill-pussess taghha l-imsemmi flixkun. Saret ukoll inkjesta dwar din is-sejba u sussegwentement, fis-6 ta' Novembru 2014, l-imputata rrilaxxjat stqarrija lill-pulizija, wara li nghatat is-solita twissija, kif ukoll il-jedd li tottjeni parir legali, liema dritt madankollu hija ghazlet li ma terzercitahx.[2] F'dawn il-proceduri, l-imputata ghazlet ukoll li tixhed.[3]

Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-Ispettur Nikolai Sant, Ufficjal Prosekutur f'dan il-kaz, jghid illi din is-sejba sehhet nhar it-8 ta' Dicembru 2013 minn membri tal-Iskwadra kontra d-Droga ossia PS 518, PC 243, PC 1500 u WPC 23. Hadd minn dawn l-Ufficjali tal-Pulizija ma xehed f'dawn il-proceduri ghaliex fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2018, id-difiza ddikjarat, fost ohrajn, illi kienet qeghda tezenta lill-Prosekuzzjoni milli ttella' bhala xhieda lill-Ufficjali tal-Pulizija involuti fit-tfittxija f'dan il-kaz u li kien hemm qbil da parti tal-istess difiza illi l-fatti sehhew kif spjegati mill-Ispettur Nikolai Sant fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri.

Fl-atti gie esebit ukoll il-process verbal tal-inkjesta[4], liema process verbal jikkontjeni r-relazzjonijiet tal-esperti mahtura mill-Magistrat Inkwirenti. Il-Qorti

[1] Ara l-ircevuta a fol. 17 tal-process.
[2] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 13 sa 15 tal-process.
[3] Ix-xhieda taghha tinsab a fol. 28 sa 31 tal-process.
[4] Ara a fol. 25 *et seq* tal-process.

tinnota illi dan il-process verbal jirreferi ghal sejba ta' flixkun tal-hgieg kontenenti haxix suspettuz li jista' jkun gej mill-pjanta tal-*cannabis* waqt tfittxijiet li saru fl-ajruport internazzjonali ta' Malta "*fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Dicembru 2013*" u dan ai termini tar-rapport tal-Ispettur Nikolai Sant ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Dicembru 2013.[5] Dan ir-rapport jindika li dan il-flixkun instab proprju fil-bagalja tal-imputata odjerna. Il-Magistrat Inkwirenti tindika wkoll fil-process verbal illi hija rceviet rapport verbali dwar dan il-kaz fl-14 ta' Dicembru 2013[6] u ghalhekk b'digriet li jgib id-data ta' dakinhar stess, ghaddiet biex tahtar lill-espert Godwin Sammut u lil PC 910 Sean Pace bhala *Scene of the Crime Officer*. Skont ir-relazzjoni tal-istess PC 910, imbaghad, huwa gie nfurmat bin-nomina tieghu mill-Ispettur Nikolai Sant dakinhar stess tal-14 ta' Dicembru 2013 ghall-habta tat-8.30 a.m. u acceda gewwa l-ufficju tal-Ispettur Sant sabiex jiehu ritratti tal-flixkun in kwistjoni. Fost dawn ir-ritratti, hemm ukoll ritratti li juru l-ircevuta esebita a fol. 17 tal-process li ggib id-data tat-8 ta' Dicembru 2013. Mir-relazzjoni tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut in oltre jirrizulta illi nhar it-8 ta' Lulju 2013 – din hija certament data zbaljata ghaliex apparti illi din id-data tipprecedi d-data tal-kaz, is-*submission form* esebita a fol. 18 tal-process tindika illi l-Ispettur Nikolai Sant ghadda l-esebit lill-istess Xjenzat nhar is-17 ta' Dicembru 2013 – huwa rcieva minghand l-Ispettur Sant flixkun tal-hgieg trasparenti bil-kliem '*White Widow Cannabis 30% Alcohol 50cl*' li fih likwidu ta' lewn ahdar u pjanta, u li fuq estratt mehud mill-likwidu u mill-haxix li hemm fil-likwidu, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol,* liema sustanza tigi mill-pjanta tal-kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht it-Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.[7]

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar id-diskrepanza bejn ix-xhieda tal-Ispettur Sant u d-data tal-imputazzjoni odjerna li jirreferu ghat-8 ta' Dicembru 2013 u d-data indikata fir-rapport tal-Ispettur Sant li tirreferi ghal-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Dicembru 2013. Il-Qorti tqis illi d-data indikata mill-Ispettur Sant fix-xhieda tieghu ssib sostenn fil-fatt illi r-ricevuta ghax-xiri tal-flixkun in kwistjoni ggib id-data tat-8 ta' Dicembru 2013. Din ir-ricevuta ssir referenza ghaliha mill-Ufficjal Investigatur fl-istqarrija tal-imputata, f'liema stqarrija l-imputata taghraf ir-ricevuta li hija nghatat meta xtrat l-istess flixkun u in oltre zzid tghid illi, kif indikat fl-istess ricevuta, dakinhar hija kienet xtrat ukoll *Baileys* tac-cikkulata, proprju kif jirrizulta mill-istess ricevuta esebita in atti. Jirrizulta wkoll mill-istqarrija tal-imputata, illi apparti li hija kkonfermat dak suggerit lilha ossia illi nhar it-8 ta' Dicembru 2013, hija giet imwaqqfa fl-ajruport ta' Malta, tghid ukoll illi dakinhar hija kienet gejja minn

[5] Ara a fol. 4 tal-process verbal.
[6] Ara a fol. 1 tal-process verbal.
[7] Ara din ir-relazzjoni a fol. 12 *et seq* tal-process.

Praga "*imma kont gejja minn l-ajruport tal-Germanja ghax kellna interconnecting flight*"[8] u li hija kienet xtrat dan il-flixkun mid-*duty free shop* tal-ajruport ta' Praga. Fix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri, imbaghad, hija tghid illi hija kienet fl-ajruport ta' Praga u "*kelli flight minn Praga ghal Malta u kelli stop Frankfurt. U sakemm kont fid-duty free, mill-hanut tad-duty free xtrajt certu fliexken tal-alkohol, fosthom kien hemm flixkun tal-Baileys u kien hemm dan il-flixkun tal-Vodka li kien tat-toghma tal-marijuana …U nzilt bihom Frankfurt u minn Frankfurt ghal Malta* …".[9] Fil-fehma tal-Qorti, minn dawn il-brani jirrizulta car illi l-imputata xtrat il-flixkun in kwistjoni mill-ajruport ta' Praga, li sussegwentement u fl-istess jum, qabdet titjira ghal Frankfurt gewwa l-Germanja u minn hemm, giet Malta. Ghalhekk la darba r-ricevuta in kwistjoni, mahruga minn gewwa l-ajruport ta' Praga, iggib id-data tat-8 ta' Dicembru 2013, huwa evidenti illi l-imputata ma setghetx waslet Malta fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Dicembru 2013, kif indikat fir-rapport tal-Ispettur Sant esebit fil-process verbal. Imbaghad, dak li jikkonvinci lill-Qorti illi l-flixkun illi gie fotografat minn PC 910 ghal fini tal-inkarigu tieghu fl-inkjesta odjerna huwa verament il-flixkun misjub fil-pussess tal-imputata, huwa l-fatt illi flimkien mal-flixkun, huwa ffotografa wkoll ir-ricevuta li l-imputata stess ghaddiet lill-pulizija dakinhar tas-sejba, kif jixhed l-Ispettur Sant f'dawn il-proceduri u fir-rigward ta' liema xhieda, id-difiza qablet illi l-fatti indikati f'din ix-xhieda huma l-fatti li sehhew f'dan il-kaz. In oltre il-flixkun li jidher fir-ritratti ta' PC 910 igib il-kliem indikati fir-ricevuta, liema kliem imbaghad huma wkoll indikati fir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut meta gie biex jiddeskrivi l-flixkun in kwistjoni. Il-Qorti tinnota wkoll illi mir-ritratti jirrizulta wkoll illi fuq is-sigill mal-ghonq tal-flixkun hemm il-kliem 'Republika Ceska'. Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu, ma jistax ikun hemm dubju illi l-flixkun in kwistjoni huwa effettivament dak li gabet maghha l-imputat mir-Repubblika Ceka tramite l-Germanja, nhar it-8 ta' Dicembru 2013.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

F'dawn il-proceduri, l-imputata m'hijiex tikkontesta illi l-flixkun in kwistjoni kien fil-pussess taghha meta waslet gewwa Malta u lanqas li kienet hija stess li gabitu maghha minn Praga. Fix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri u kif jirrizulta mit-trattazzjoni finali tad-difiza, hija tikkontesta l-element formali tar-reat li giet akkuzata bih u dan ghaliex hija tghid li ma kellhiex l-intenzjoni li timporta l-*cannabis* f'Malta u dan ghaliex hija ma kinitx konsapevoli tal-fatt illi fil-flixkun verament kien hemm il-*cannabis*.

[8] A fol. 14 tal-process.
[9] A fol. 28 u 29 tal-process.

Huwa evidenti illi sabiex l-imputata tinstab hatja tar-reat addebitat lilha, jehtieg illi jirrizultaw, fil-grad rikjest mil-ligi, mhux biss l-element jew elementi materjali tar-reat, izda wkoll l-element formali ossia l-intenzjoni kriminuza konsistenti fil-volontarjeta` u l-konsapevolezza.

Kif diga` inghad, jirrizulta car illi fil-jum in kwistjoni l-imputata akkwistat il-flixkun mertu tal-kaz minn Praga u waslet bih f'Malta tramite titjira minn Frankfurt. Jirrizulta car ukoll illi l-likwidu u l-pjanta gewwa l-flixkun kienu jikkontjenu s-sustanza *Tetrahydrocannabinol.* Fix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri, l-imputata tghid illi hija ma kinitx konxja tal-fatt illi l-istess flixkun kien tassew jikkontjeni din is-sustanza u dan fid-dawl tal-fatt illi hija ma akkwistatx dan il-flixkun b'xi mod klandestin jew illegalment, izda minn hanut gewwa l-ajruport ta' Praga. Ghalhekk skont hi, la darba l-*cannabis* kienet illegali gewwa r-Repubblika Ceka, hija ma bassritx li minn hanut gewwa l-ajruport ser tinbiegh sustanza li hija llegali fl-istess pajjiz.

Issa dwar dan, ghalkemm fix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri, l-imputata tghid illi hija rat illi l-alkohol fl-istess flixkun kien fih it-toghma tal-*cannabis*, fil-waqt illi ma basritx illi dan attwalment kien jikkontjeni l-*cannabis*, madankollu, mhux hekk tghid fl-istqarrija rilaxxjata minnha, kwazi sena wara li sehh il-kaz, dwar dak li hasbet li kien fih il-flixkun. Apparti illi anke hawn terga' tghid illi dan kien alkohol b'toghma differenti, li qatt ma kienet iltaqghet mieghu f'Malta, hija tghid ukoll is-segwenti:

"*M: Tiftakar x'kien fih dan il-flixkun?*

*T: Xi alcohol bit-thoma tal-Cannabis u kellu bicca pjanta tal-cannabis zghira.*

…

*M: Int rajtha il-pjanta tal-Cannabis fil-flixkun?*

*T: Iva.*

*M: Inti kont taf li hawn Malta il-Cannabis hija llegali?*

*T: Iva pero` peress illi kienet fil-likwidu assumejt illi ma tistax titpejjep.*

*M: Trid izzid xi haga?*

*T: Nixtieq nghid li jiena ghalija ma kien hemm l-ebda ksur ta' ligi perress illi dan xtrajtu minn hanut f'ajruport u b'hekk assumejt li legali f'Malta u kieku kien illegali ma kienux ser ibieghuh*".[10]

L-imputata allura kienet ben konxja tal-fatt illi l-flixkun kien jikkontjeni l-pjanta tal-*cannabis* ghaliex dan tghidu hija stess. L-apparenza esterna tal-flixkun kien joffri indizzji sufficjenti li kellhom javvertu lill-imputata dwar il-kontenut tal-flixkun, fosthom il-kliem '*White Widow Cannabis',* il-grafika tal-weraq tal-*cannabis* u pjanta gewwa l-flixkun li tidher b'mod prominenti. L-izball tal-imputata kien wiehed ta' ligi ghaliex hija tghid fl-ewwel lok illi minkejja li kienet konxja mill-fatt illi f'Malta l-*cannabis* hija llegali, hija hasbet illi la darba din kienet fil-likwidu u ma setghetx titpejjep, allura dan kien b'xi mod jimpingi fuq il-legalita` o meno taghha u fit-tieni lok, assumiet illi la darba l-prodott kien qed jinbiegh minn ajruport, ma kienx prodott illegali gewwa Malta. Huwa evidenti illi l-presunzjoni li ghamlet l-imputata kienet skorretta in kwantu dak li jammonta ghal reat f'pajjiz mhux necessarjament jammonta ghal reat f'pajjiz iehor u vice versa. Fi kliem iehor, anke jekk il-bejgh ta' tali xorb fir-Repubblika Ceka huwa permess mil-ligi u l-Qorti tqis illi x'aktarx dan kien il-kaz la darba seta' jinxtara liberament minn ajruport, l-importazzjoni tal-flixkun f'Malta jikkostitwixxi reat in kwantu l-kontenut tieghu jinkludi s-sustanza *Tetrahydrocannabinol.* Certament ghalhekk illi m'huwiex skuzant u ma jezentax lill-imputata mir-responsabilita` kriminali, il-fatt illi hija akkwistat dan il-flixkun b'mod regolari minn gewwa ajruport jew l-izball tal-ligi da parti taghha.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni kif migjuba kontra l-imputata tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni fl-ewwel lok, illi ghalkemm l-imputata ma rregistratx ammissjoni f'dawn il-proceduri, hija kkoperat ferm mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha. Tqis ukoll illi l-fedina penali tal-imputata fiz-zmien tal-kaz odjern kienet wahda netta.

In oltre il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll ic-cirkostanzi li fihom l-imputata wettqet dan ir-reat ossia illi dan kien zball evidenti tal-ligi da parti taghha. Fil-fatt m'ghandhiex dubju illi l-imputata giet zgwidata mill-fatt illi dan il-flixkun kien

[10] Ara a fol. 14 u 15 tal-process.

qieghed jinbiegh gewwa ajruport u ghalhekk hasbet illi ma kienet qeghda taghmel xejn illegali meta akkwistatu. Ghaldaqstant, jidhrilha illi l-piena minima hija piena idonea.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 2(1), 8(d), 12, 15A, il-proviso tal-Artikolu 22(1B), l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghall-piena ta' multa ta' erba' mija, hamsa u sittin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hatja b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum, b'dan ukoll illi kemm il-darba l-hatja tonqos milli thallas pagament wiehed, il-bilanc kollu jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta ossia l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija, sitta u hamsin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€156.88) u dawk konnessi mal-hatra tas-*Scene of the Crime Officer* PC 910 Sean Pace, ammontanti ghas-somma ta' tletin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€30.25). Tali spejjez jammontaw b'kollox ghas-somma ta' mija, sebgha u tmenin ewro u tlettax-il centezmu (€187.13) u ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien tliet (3) xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tal-flixkun kontenenti d-droga esebit fl-atti tal-process verbal numru 189/14 redatt mill-Magistrat Dr. Charmaine Galea, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat